

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-23 ta' Marzu 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rayonen sad Lukovit – il-Bulgarija) – Proċeduri kriminali kontra AZ

(Kawża C-454/20) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Trasport – Direttiva 1999/37/KE – Dokumenti ta' reġistrazzjoni ta' vetturi – Direttiva 2014/45/UE – Kontroll tekniku perijodiku ta' vetturi bil-mutur – Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Princípiji ta' legalità u ta' proporzjonalità tar-reati u tal-pieni – Sewqan ta' vettura li ma tkunx debitament irregistrrata – Sanzjonijiet – Assenza ta' implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni – Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja)*

(2022/C 359/15)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

### Qorti tar-rinviju

Rayonen sad Lukovit

### Parti fil-proċeduri kriminali fil-kawża prinċipali

AZ

### Dispożittiv

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea manifestament ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mir-Rayonen sad Lukovit (il-Qorti Distrettwali ta' Lukovit, il-Bulgarija) permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020.

<sup>(1)</sup> ĠU C 433, 14.12.2020.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-7 ta' April 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landesverwaltungsgericht Oberösterreich – l-Awstrija) – J.P. vs B.d.S.L.

(Kawża C-521/20) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Direttiva 1999/62/KE – Taxxa fuq vetturi tqal tal-merkanzija għall-użu ta' ċerti infrastrutturi – Tariffi tat-triq – Nuqqas ta' ħlas – Sanzjonijiet – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 50 – Princípiju ta' ne bis in idem – Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura – Assenza ta' preċiżjoni suffiċċenti – Assenza ta' rabta bejn l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni u r-realtà jew is-suġġett tal-kawża prinċipali – Inammissibbiltà manifesta)*

(2022/C 359/16)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Qorti tar-rinviju

Landesverwaltungsgericht Oberösterreich

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: J.P.

Konvenut: B.d.S.L.

### Dispożittiv

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesverwaltungsgericht Oberösterreich (il-Qorti Amministrattiva Regionali ta' Oberösterreich, l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Ottubru 2020, hija manifestament inammissibbli.

<sup>(1)</sup> ĠU C 35, 1.2.2021.